MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 398/2006

**Fl-atti tal-ittra ufficjali skond l-Art 235(2) tal-Kap 12 prezentanta fl-24 ta' Novembru, 2006 u notifikata fis-6 ta' Dicembru, 2006 bin-numru 9396/06 fl-ismijiet**

**Charles Bianco f'ismu propriju u**
**bhala gestur ta 'Western Co. Ltd (C 19994)**

**Vs**

**Stephen Vella (ID Card 23884M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-istess Stephen Vella u li bih wara li ppremetta illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali fuq riferit dwar kambjali.

Illi huwa jikkontesta peress li qatt ma ffirma kambjali personalment lil Charles Bianco, u dejjem hallas lil

kumpanija ohra li maghha kellu l-kambjali, liema hlasijiet saru bil-bank.

Illi huwa qed jikkontesta wkoll kull debitu stante li dan kien marbut ma' bejgh ta' karozza li rrisulta li kien fiha tbaghbis fil-log taghha, u dan ma giex konsenjat qabel tlett snin, u anke bidillu l-panci tal-karozza li kien xtara.

Illi sal-lum ghadu ma sar l-ebda transfer u isem l-esponenti mhux registrat imkien, u lanqas bhala user.

Illi ghalhekk huwa kien waqqaf il-hlas tal-kambjali kollha dovuti, ghaliex dawn ma kienux hargu fuq l-ebda konsiderazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li l-esekuzzjoni tal-kambjali tkun sospiza u dan fit-termini tal-proviso tal-Artikolu 235(2) tal-kap 12.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghtija fl-20 ta' Dicembru 2006 (fol 2 tal-istess atti).

Rat l-ittra ufficjali in kwistjoni esebita fol 24 u fol 25 ibid.

Rat ir-risposta tal-attur (korrettament intimat) pro et nomine a fol 26 ibid u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. illi m'huwiex minnu li Stephen Vella qatt ma ffirma kambjali meta xtara l-vettura in kwistjoni. Dan ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.
2. Illi mhux minnu dak allegat minn Stpehen Vella fit-tielet, ir-raba u l-hames paragrafu tar-rikors tieghu. Illi, fil-fatt, il-kwistjoni nqalet kollha meta Stephen Vella habat bil-vettura mixtrija minghand l-esponenti u ma setax jaghmel it-test tal-VRT bir-rizultat li ma jistax isir it-trasferiment taghha. Stephen Vella, imbaghad, waqaf ihallas il-pagamenti minnu dovuta lill-esponenti. F'dan l-istadju huwa rilevanti li jissemma li karozzi impurtati mill-Gappun idumu sitt xhur f'isem l-impurtatur qabel ma jkunu jistghu jigu trasferiti u dan b'ordni specifika tal-Awtorita Dwar it-Trasport.

B'riserva ghall-eccezzjonjiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz b'mod specjali n-noti rispettivi tal-partijiet a fol 73 u fol 80 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti in sostenn ta' dak allegat minnu kien issottometta 'affidavit' b'diversi dokumenti (fol 31 et seq ibid) u,hawnhekk, beda billi qal li, fl-2002 hu kien xtara minghand l-intimat karozza tal-marka 'Fiat Uno' bil-prezz ta' Lm2000. Dwar il-hlas ta' dan hu kien iffirma sittin (60) kambjala ta' Lm55 il-wahda. In rigward il-pagamenti ta' dawn, hu kien qed jaghmilhom , regolarment, jew f'showroom' jew ghand il-bank msemmi (ara fol 38 ibid). Pero' l-intimat kien qallu sabiex il-pagamenti jsiru lilu, personalment. Mal-pagamenti hu kellu jinghata l-kambjala relattiva izda dan qatt ma sar. Xi tlett gimghat wara li xtara l-istess karozza, hu kien involut f'incident tat-traffiku u bhala konsegwenza ta' dan, l-istess karozza kienet sfat 'total loss' u kien thallas kumpens ta' Lm1000 skond il-valur taghha fis-suq. Ta' dan kollu kien informa lill-intimat li, da parti tieghu, kien qallu sabiex dak li jircievi bhala kumpens mill-assikurazzjoni, jithallas kollu kemm hu lill-intimat, sabiex l-ammont ta' Lm1000 jitnaqqas minn dak ghadu dovut skond il-kambjalijiet. Filfatt hekk gara izda hu xorta wahda baqa jhallas ghal hames xhur konsekuttivi. F'Awissu tal-istess sena', hu kien xtara minghand l-intimat karozza ohra tal-marka 'Mitsubishi Mirage' numru HHH 059 importata mill-Gappun. L-intimat dwar pagamenti kien qallu '… li ser jaghmilli pagament wiehed fuq li kien baqa' minn tal-'Fiat Uno' u l-karrozza li ser nixtri 'Ghalhekk kien nhargu sittin (60) kambjala gdida b'valur u import ta' Lm100 il-wahda vis-à-vis il-vettura 'Mitsubishi Mirage'. Dwar il-kambjalijiet precedenti hu stqarr li ma kienx jaf x'sar minnhom u filfatt qatt ma kienu jghataw lilu. F'Novembru tal-istess sena', hu kellu incident tat-traffiku iehor bit-tieni karozza u hawnhekk hu skopra illi dak mnizzel fuq il-'log book' relattiv ma kienx jikkorispindi ma dawk tal-istess karozza fis-sens li 'Ma kien jaqbel xejn. La mudell, la 'engine number', la 'chasis

number' u lanqas l-ebda dettall iehor'. Minhabba dan 'it-tahwid', ma kompliex jhallas il-kambjalijiet li kienu qed jiskadu. Hawnhekk, pero', u ghar-raguni indikata fl-istess xhieda, hu hallas erba' kambjalijiet f'daqqa izda peress li l-'logbook' korrett ma kienx wasal, hu rega' waqaf milli jhallas. Ftit ta' zmien wara l-intimat kien qallu illi '… il-flus kollha li hallast marru kollha interessi u li jiena daqs li kieku ghadni ma hallast xejn'. Meta sar dan id-diskors, ir-rikorrenti kien qallu '… biex ma jikkonfondi xejn u nibdew kollox mill-bidu' u '… rega' galni niffirma sett ta' kambjali godda' bil-pagamenti jsiru lill-intimat u mhux fil-Bank. In rigward il-kambjalijiet l-ohra '… ma dehru imkien'. Sussegentement, hu kien hallas '… ammont ta' kambjali ohra …'. Izda rega' waqaf jaghmel dan u qal lill-intimat, li skond ir-rikorrenti kien 'jisraqni u jqarraq bija' illi '… ma nhallas izjed qabel ma jaghtini il-kambjali kollha ta' kemm tajtu flus b'kollox'. Inoltre wara li ghaddew madwar tlett snin, kienu mbiddlu l-pjanci tal-ahhar vettura ghal numru iehor BBB 640 kif ukoll il-'log book', liema 'log book' '… jaghjjat lil Charles Bianco' (ara fol 35 ibid). <u>In kontroesami</u> (fol 53, fol 58, fol 63, u fol 68 hu, stqarr illi, '…meta jiena xtrajt il-Mitsubishi' kien ghad fadal biex jithallas kemm fuq il-'Fiat Uno' u kemm fuq il-'Mitsubishi' b'kollox erbat elef u tmien mitt lira Maltin' anzi madwar sitt elef liri Maltin, jekk jigu inkluzi l-imghaxijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi riassunti l-provi in esami, il-Qorti trid tara u tesamina dak mnizzel fl-artikolu 253(e) proviso fejn jinghad fil-qasir, illi <u>b'digriet</u> li ma jkunx appellabbli, il-Qorti kompetenti skond il-valur involut, tista tissospendi l-ezekuzzjoni ta' kambjala jew f'parti minnha bhala titolu ezekuttiv, f'kaz li l-firma fuq l-istess kambjala ma tkunx tal-persuna involuta jew fejn l-istess persuna tressaq <u>ragunijiet ohra gravi u validi</u> biex topponi l-esekuzzjoni u f'kaz li dan jirrizulta l-persuna li qed tesigi l-hlas ghandha tipprocedi b'kawza skond il-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta ossija l-Kodici tal-Kummerc.

Illi f'dan il-kaz jidher li ghandha tigi skartata l-allegazzjoni fir-rikors promotur illi r-rikorrenti'… qatt ma ffirma kambjali personalment'.

Illi, pero, minn esami tax-xhieda tar-rikorrenti, jidher evidenti u pruvat 'prima facie', illi l-istess rikorrenti ghandu bazi fondata sabiex jikkontesta l-esekuzzjoni tal-kambjalijiet in kwistjoni bhala titolu ezekuttiv. Dan qed jinghad fuq dak li xehed l-istess rikorrenti liema xhieda ma gietx kontradetta minn xi prova da parti tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi u fic-cirkostanzi kif premessi u a bazi tal-artikolu 253(e) proviso hawn fuq citat il-Qorti qed tilqa' t-talba attrici u tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjalijiet in esami specifikati fl-ittra ufficjali esebita mal-atti a fol 24.

In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jithallasu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------